**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 38 – 4 ta’ Novembru 2010**

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta’ filgħaxija u saret Agenda 38. Il-laqgha bdiet fis-6.50 ta’ filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Hadd | |
| Assenti: | Hadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Kien hemm prezenti s-sur Rosario Cortis u John Zammit, u n-nutar Mariella Mizzi

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. HATRIET GODDA; VICI SINDKU U KUNSILLIER

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsilliera li fid-dawl tar-rizenja tas-sur Rosario Cortis minn kunsillier ghal ragunijiet personali, l-kunsill kellu jmexxi ghal co-option sabiex tigi mimlija l-vakanza kazwali li nholqot. Is-Sindku kompla jghid li l-posizzjoni tal-grupp laburista hija li l-Kunsill ghandu jirrispetta l-legittimita tal-vot u x-xewqa tal-eletturi u ghalhekk f’ isem il-grupp Laburista kien qieghed jipproponi lil Mary Vassallo La Rosa ghal dan ir-rwol.

1.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jaghmel emenda ghall-proposta tas-Sindku u ppropona li tigi eletta l-mara tieghu Maria Ciantar. Il-Kunsillier Ciantar spjega li ma kellu xejn personali kontra Mary Vassallo La Rosa izda rrimarka li meta ha f' idejh il-laqghat ghall-anzjani l-attendenza zdiedet u mhux bi ftit. Il-Kunsillier Ciantar ipprezenta korrispondenza minghand il-Kunsill fejn is-sinjura Ciantar giet ipprezentata ringrazzjament ghas-servizzi li offriet lill-Kunsill b' mod volontarju u qal li huwa tajjeb li jingiebu nies li qatt ma kienu fil-Kunsill.

1.3. Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kunsillier Ciantar kellu kunflitt ta' interess fuq dan il-suggett u skond il-ligi kellu jirtira minn kwalunkwe diskussjoni relatata mas-suggett in kwistjoni. Il-Kunsillier Ciantar accetta li jirtira mid-diskussjoni izda heggeg lill-kunsilliera shabu sabiex min irid jissekonda l-proposta tieghu jaghmel dan. L-ebda kunsillier ma ssekonda l-proposta tal-Kunsillier Ciantar.

1.4. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun hemm sospensjoni tal-laqgha sabiex tigi diskussa s-sitwazzjoni. Il-laqgha giet sospiza fis-7pm.

1.5. Il-Laqgha tkompliet fis-7.05pm.

1.6. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li kienet ghazla naturali li s-Sindku semma lill-Mary Vassallo la Rosa, izda din kienet opportunità kbira ghall-Kunsill li jaghzel persuni godda. Il-Kunsillier Agius kompla jghid li hu haseb fis-sur Owen Casha ghal dan ir-rwol. Persuna attiva u ta' certu stoffa u tkun xi haga sabiha li jigi mhajjar jaghti sehemu fil-Kunsill. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li s-siggu vakanti kien wiehed tal-maggoranza Laburista.

1.7. Is-Sindku Alfred Grixti kkummenta li kien hemm hafna persuni li qalulu sabiex jintghazlu persuni godda izda kien jemmen li dawn il-persuni setghu offrew is-servizz taghhom qabel u hargu ghall-elezzjoni. Is-Sindku kompla jghid li hemm hafna nies li jpatptu fil-pjazza izda hadd ma jhammeg idejh. Is-Sindku kompla jghid li din kienet ghazla li giet diskussa mill-grupp Laburista u kien hemm qbil li jimxu skond ir-rieda tal-poplu. Il-Kunsillier Joe Ciantar wiegeb li huwa ma kienx prezenti matul id-diskussjonijiet u ma giex ikkonsultat.

1.8. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex is-sinjura Mary Vassallo La Rosa tigi co-opted bhala Kunsilliera fil-Kunsill ta' Haz-Zebbug wara r-rizenja tal-Kunsillier Rosario Cortis. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, Il-kunsilliera Duncan Bartolo, Dominic Cutajar, Emanuel Agius, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Il-Kunsillier Joe Ciantar

**Astensjonjiet;** Il-Kunsillier George Cortis

Il-mozzjoni ghaddiet. (70)

1.9. Il-laqgha giet sospiza sabiex Mary Vassallo La Rosa tinghata l-gurament bhala Kunsilliera. Il-laqgha giet sospiza fis-7.15pm. Il-laqgha tkompliet fis-7.20pm.

1.10. Is-Sindku Alfred Grixti awgura lill-Kunsilliera Mary Vassallo La Rosa ghall-kariga l-gdida taghha u rringrazzja lill-kunsillier Rosario Cortis tax-xoghol siewi u l-impenn tieghu fil-hidma bhala kunsillier.

1.11. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fil-jiem ta' qabel kien ircieva l-ittra ta' rizenja mir-rwol ta' Vici Sindku tal-Kunsillier Dominic Cutajar. Huwa qara din l-ittra. (Appendici A).

1.12. Il-Kunsillier Joe Ciantar ippropona vot ta' ringrazzjament lill-kunsillier Dominic Cutajar ghax-xoghol tieghu u stqarr li kien iddispjacut doppjament ghal dan ghax kien propju hu li hajru sabiex johrog ghall-Kunsill u stiednu sabiex jipprocedi bi kwalunkwe mod sabiex ihares l-immagni tieghu.

1.13. Il-Kunsillier Philip Said rringrazzja lill-Kunsillier Dominic Cutajar tal-ghajnuna li dejjem tah u l-hidma id f' id li kienet issir. Il-Kunsillier Said ikkummenta li l-ittra ccarat hafna s-sitwazzjoni u sahhet il-fiducja li kellu fil-kunsillier Cutajar.

1.14. Is-Sindku Alfred Grixti kkummenta li kellu spalla kbira bil-kunsillier Dominic Cutajar u cert li se jibqghu jahdmu flimkien ghal gid tal-lokalità. Is-Sindku kompla jghid li huwa jemmen bi shieh li l-Kunsilliera ghandhom jigu responsabilizzati u iktar ma jridu jahdmu iktar ihoss li ghandu jaghtihom l-appogg tieghu. Is-Sindku kkummenta li ddispjacih li ma' setax jattendi ghall-attivita dwar il-promozzjoni tas-sahha kkordinata mill-Kunsillier Philip Said li kienet success u ezempju ta' kaz fejn min irid jahdem jinghata l-ispazju biex jaghmel dan. Is-Sindku spjega li dak li ghaddew minnu ricentament il-Kunsilli Lokali permezz ta' manipolazzjoni ta' certa media jaghmel hsara lil tant kunsilliera li jahdmu b' mod onest u dedikat lejn il-lokalitajiet taghhom.

1.15. Il-Kunsillier Mario Borg dahal ghal-laqgha fis-7.30pm

1.16. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab lill-Kunsillier Dominic Cutajar sabiex jirrivedi l-posizzjoni tieghu u jerga' johrog ghall-Kunsill fl-elezzjoni li jmiss ghax kien ghad ghandu futur kbir quddiemu.

1.17. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsillier Duncan Bartolo jigi nominat bhala Vici Sindku. Il-Kunsillier Cutajar spjega li x-xoghol kien hafna izda ma kienx wahdu. Huwa gie sekondat mill-Kunsilliera Joe Ciantar u Mario Borg. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, Il-kunsilliera Duncan Bartolo, Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonjiet;** Hadd

Il-mozzjoni ghaddiet b' mod unanimu. (71)

1.18. Il-laqgha giet sospiza sabiex il-Kunsillier Duncan Bartolo jinghata l-gurament bhala Vici Sindku. Il-laqgha giet sospiza fit-7.40pm. Il-laqgha tkompliet fit-7.45pm.

1.19. Il-Vici Sindku Duncan Bartolo rringrazzja lis-Sindku Alfred Grixti u l-kunsillier Dominic Cutajar tal-appogg taghhom. Huwa spjega li hija x-xewqa tieghu li titkompla l-hidma li nbdiet ghalkemm b' ideat u kuncetti differenti. Il-Vici Sindku rringrazzja hafna lill-kunsillier Dominic Cutajar tax-xoghol tieghu filwaqt li jifrah lill-Kunsilliera Mary Vassallo La Rosa tal-kariga l-gdida taghha.

1.20. Il-Kunsillier Mario Borg ikkummenta li minn naha tieghu jawgura li minn issa l-quddiem il-Kunsill ikollu hidma li twassal ghal hafna frott u li l-ghan ewlieni jkun li kulhadd jahdem flimkien u jekk dan il-ghan jinzamm jinsab cert li lkoll jimxu l-quddiem. Il-Kunsillier Mario Borg wieghed li minn naha tieghu jibqa jkun ta' spall anke f' affarijiet difficli.

## 2. QARI U APPROVAZJZONI TAL-MINUTI

2.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Agenda 37 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

2.2. Pagna 248, punt 5.1. is-sentenza "Is-Sindku kompla jghid li xtaq li jsir diskors tal-okkazjoni u ssuggerixxa lill-kunsillier Philip Said izda dan irrifjuta gentilment" tinbidel u ssir "Is-Sindku kompla jghid li xtaq li jsir diskors tal-okkazjoni u ssuggerixxa lill-kunsillier Philip Said izda wera x-xewqa li d-diskors isir minn xi hadd iktar intiz fuq is-suggett".

2.3. Punt 7.4. is-sentenza tinbidel u ssir "Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal mod kif intalbet il-kwotazzjoni fid-dokument u spjega li wara li ccekja rrizulta li normalment il-prezz jintalab kull metru jimxi u kubu is=samp".

2.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius ressaq mozzjoni sabiex il-minuti jigu approvati hekk kif emendati. Huwa gie sekondat mill-Kunsilliera Mary Vassallo La Rosa. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu (72).

## 3. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

3.1.1. Il-Kunsillier Emanuel Agius ghamel referenza ghall-minuti u spjega li flimkien mal-ex kunsillier Rosario Cortis kienu ghamlu l-ezercizzju fejn identifikaw il-parking bays ideali biex jigu timed parking fiz-zona tal-pjazza u l-madwar. Il-Kunsillier Agius spjega dawn is-siti;

| | |
|---|---|
| Main Street kantuniera ma' Triq Sant' Antnin | 2 |
| Misrah San Filep quddiem Nr 6 u Nr 8 | 2 |
| Main Street kantuniera ma Sqaq Numru 9 | 2 |
| Triq l-Isqof Caruana kantuniera mac-Cimiterju | 2 |
| Triq Sciortino quddiem Villino Abela | 2 |
| Triq Sciortino kantuniera ma Misrah San Filep | 2 |
| Triq Sciortino quddiem il-latrina tan-nisa in-naha tat=12th May | 3 |
| Triq Sciortino hdejn l-iskola sekondarja | 3 |

3.1.2. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ressaq suggeriment sabiex il-Kunsill japplika sabiex anke wahda mir-reserved parkings ghad-disabled tigi bil-hin sabiex jigu jigu eliminati abbuzi minn persuni li jaghmlu granet shah ipparkjati fuq dawn il-parking spaces.

3.1.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill japplika ma' Transport Malta ghal sistema ta' timed parking hekk kif ipprezentata mill-Kunsillier Emanuel Agius. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu (73).

3.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf xi progress kien hemm fuq Triq il-Buskett. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li x-xogholijiet fuq il-mains u d-drenagg kien inbeda izda dan kien miexi bil-mod minhabba l-kongestjoni ta' servizzi li ghaddejjin minn din it-triq. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fl-ewwel jiem ta' xoghol kien diga jinhass l-bzonn ta' Project Manager fuq il-post sabiex jara li x-xoghol jimxi skond il-htiega u x-xewqat tal-Kunsill.

3.3. Is-Sindku qal li hekk kif il-kunsill kien qieghed jahdem fi Triq il-Buskett tkun hasra li l-bicca li jifdal ta' din it-triq li taqghad ma triq il-Kandlora ma ssirx bit-tarmac. Huwa ssuggerixxa li tintalab quote lill-kuntrattur. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-Kunsill kellu joqghod attent ghal budget tieghu u qal li l-ewwel wiehed irid jara f' liema posizzjoni finanzjarja se jkun il-kunsill biex jaghmel din il-hidma.

3.4. Il-Kunsillier George Cortis ghamel referenza ghall-minuti fejn saret referenza ghal trinka li saret mill-kuntrattur tad-Dawl. Il-Kunsillier Cortis qal li jrid isir sorveljar ikbar fuq ix-xoghol u l-kunsill ikun cert fuq il-hidma tal-kuntratturi qabel ma dawn jithallsu. Il-Kunsillier Cortis qal li f' dan il-kaz ix-xoghol kien sar mill-kuntrattur hekk kif imnizzel.

3.5. Il-Kunsillier George Cortis ghamel referenza ghal xoghol li sar hdejn il-Lunzjata. Il-Kunsillier Cortis spjega li wara l-ewwel xita r-residenti kellhom kliem ta' tifhir ghax-xoghol li sar. Huwa ressaq suggeriment sabiex l-istess tip ta' xoghol isir fl-isqaq l-iehor sabiex ix-xoghol ikun komplut. Kien hemm qbil li tintalab kwotazzjoni ghal dan ix-xoghol.

3.6. Il-Kunsillier George Cortis talab li jsir xi xoghol ta' tisbieh fit-triq 12 ta' Mejju hdejn tal-balavostri taht in-nicca sabiex jinqata ftit mill-abbuz ta' rimi ta' skart li jsir fil-post.

3.7. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni fuq ipparkjar fuq il-bankina quddiem id-dulur fi triq il-Kbira. Il-Kunsillier Philip Said ikkummenta li l-probelma ta' parking fuq il-bankina jidher li tezisti f' diversi postijiet madwar il-lokal u din hija problema ta' enforcement.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1. Il-Kunsillier Dominic Cuatajar ghamel referenza ghal memo 122 dwar ikliet u ricevimenti mill-Kunsilli Lokali u talab lis-segretarju jispjega x' tghid din il-memo. Is-segretarju ezekuttiv spjega li din il-memo tirregola r-ricevimenti u ikliet li l-Kunsilli jistghu jaghmlu. Huwa spjega li dawn jistghu jsiru biss f' okkazzjoni ta' jum il-lokal ghall-volontarji u ghaqdiet li jghinu lill-Kunsill fil-hidma tieghu, fil-Milied ghall-kunsilliera u staff u f' okkazzjoni ta' attivitajiet relatati ma' gemellagg jew stediniet. Is-Segretarju spjega li fl-okkazjoni tal-ikla tal-Milied il-kunsill jista jiffinanzja biss lill-kunsilliera u staff u mhux il-mistiedna taghhom. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li tintalab gwida lid-dipartiment dwar ir-ricevimenti li jsiru fil-Milied ghall-anzjani u t-tfal kif ukoll dwar ir-refreshments li jinghataw wara l-laqghat ta' kull xahar ghall-anzjani. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jekk jista' jkun din il-gwida tinghata qabel il-laqgha tal-anzjani tal-25 ta' Novembru.

## 5. VOT TA' FLUS

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-Kunsill l-iskea tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

5.2. Is-Segretarju Ezekuttiv talab li mal-lista tal-pagamenti jizdiedu l-pagament ta' Nicholas Schembri €319.60 ghal xoghol fuq il-website u Olaf Woods €87.40 ghax-xoghol tieghu fl-inizjattiva lokalitajiet indaf. Kien hemm qbil dwar dan.

| **Proposta ta' Vot ta' flus sabiex jigi approvat skond Agenda Nru 38** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Lil Min** | **Invoice No** | **Invoice Date** | **Ammont / €** | **Servizz** |
| | | | | |
| Marvic & Sons | 36/2010 | 30/10/10 | 7,667.53 | Gbir ta' Skart Ottubru 2010 |
| Xuereb Bros | 9 302 672 | 30/10/10 | 3,688.17 | Knis Ottubru 2010 |
| Roccu Mifsud | 57 | 28/10/10 | 886.66 | Public Conveniences Ottubru 2010 |
| Wilson Mifsud | n/a | 28/10/10 | 1,504.16 | Tindif Soft Areas Ottubru 2010 |
| Philip Seguna | n/a | 26/10/10 | 1,908.32 | Tindif Non Urban Ottubru 2010 |
| Raymonda Calleja | various | various | 5,875.00 | Xoghol ta' Patching |
| Med Design | 467 - 41 | various | 4,159.80 | Adjudication report PPP, professional fees |
| | | | | |
| **Total Skeda A** | | | **25,689.64** | |
| | | | | |
| **Skeda B - Hlasijiet ohra** | | | | |
| | | | | |
| Schembri Infrastructures | 20055-37 | 15/10/10 | 15,000.00 | Installment on works Triq il-Kurkanta |
| Guard & Warden | 2555 | 30/09/10 | 907.65 | Monitoring Pjazza September 2010 |
| Guard & Warden | 2554 | 30/09/10 | 4,131.38 | Speed Cameras September 2010 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Zebbug Bocci Club | n/a | n/a | 465.87 | Zebbug Bocci Club aerials agreement |
| Central Joint Committee | CJC307 | 30/09/10 | 4,029.63 | Tribunal services September 2010 |
| Pointer Pet Shop | various | various | 292.68 | Plants, tools, pots |
| Mario Cachia | 332 495 | 17/10/10 | 255.00 | Refreshments attivita Kunsill |
| Ewgenja Agius | n/a | n/a | 107.00 | Refreshments attivita Kunsill |
| Zarb Coaches | 7486 | 26/07/10 | 271.40 | Hire of Transport |
| Christian Camilleri | 23 | 12/10/10 | 272.98 | Hsara karozza B. Buhagiar |
| Union Print | AI003441 | 30/09/10 | 55.13 | Tender advert |
| Tanti Ironmongery | 574305 | 05/10/10 | 211.86 | Ironmongery Items |
| Superior Ironmongery | various | 16/09/10 | 866.75 | Ironmongery Items |
| L. Magri | 97 | 10/08/10 | 150.00 | Statwa San Filep - Zjara Agira |
| Media.Link Communications | 44293 | 30/09/10 | 54.75 | Tender advert |
| Joseph Vella | 1 731 472 | 21/10/10 | 165.00 | Xoghol fuq l-istand ghal bnadar |
| Kompakt Trading Ltd | 3010137 | 11/10/10 | 256.50 | Filing Cabinet |
| | | | | |
| **Total Skeda B** | | | **27,493.58** | |
| | | | | |
| **Total zewg skedi** | | | **53,183.22** | |
| | | | | |

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-pagamenti jigu approvati biz-zidiet imressqa mis-segretarju ezekuttiv. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Duncan Bartolo. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu (74).

5.4. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fuq talba tas-Segretarju Ezekuttiv kien qieghed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kunsill japplika ghall-internet banking mal-Bank HSBC. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 6. APPROVAZZJONI TAT-TENDER TAT-TOROQ PPP (FAZI 1)

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li jorbot dan il-punt ma punt numru 7 tal-agenda. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-hidma tal-kumitat tal-evalwazzjoni u aggudikazzjoni tat-tenders mwaqqaf mill-Kunsill tinsab wieqfa minhabba cirkustanzi differenti. Is-Sindku spjega li s-sinjura Paula Valletta ghad kif kellha tarbija, Mary Vassallo la Rosa lahqet kunsilliera,

is-sur Philip Micallef irrizenja mill-kumitat u s-sinjorina Phyllis Bezzina attendiet ghal-laqgha wahda biss tal-kumitat biex b' hekk fadal persuna wahda biss attiva fi hdan dan il-kumitat, is-sur Salvu Borg.

6.2. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li sa meta waqfet il-hidma tal-kumitat kien qieghed isir xoghol tajjeb u bil-ghaqal.

6.3. Il-Kunsilliera George Cortis u Joe Ciantar esprimew id-dubbji taghhom dwar il-bzonn ta' dan il-kumitat. Is-Sindku spjega li jippreferi li jkun hemm organu ndipendenti li jevalwa dawn l-affarijiet. Is-Segretarju qal li f' artiklu ricenti li deher fuq il-media l-kunsill gie mfahhar ghax kien wiehed mill-ftit kunsilli li juza dawn il-prattici ta' trasparenza.

6.4. Is-Sindku spjega li kien hemm bzonn li sal-laqgha li jmiss jigu nominati zewg persuni ohra ghal dan il-kumitat, wiehed minn kull naha sabiex titkompla l-hidma li kienet bdiet minn dan il-kumitat. Kien hemm qbil dwar dan.

6.5. Il-kunsillier Joe Ciantar talab li sadanittant jigi prezentat interim report dwar il-hidma ta' dan il-kumitat.

6.6. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-kunsill ir-rapport tal-perit dwar it-tenders li hargu ghal-ewwel fazi tat-toroq tal-PPP. Is-Sindku Alfred Grixti qara r-rakkomandazzjonijiet tal-Perit. Saret diskussjoni.

6.7. Il-Kunsillier Joe Ciantar ressaq mozzjoni sabiex l-ewwel grupp ta' toroq ta' fazi 1 tal-PPP tinghata lill-kuntrattur Bonnici Bros skond ir-rakkomandazzjoni tal-perit. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu (75).

6.8. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ressaq mozzjoni sabiex it-tieni grupp ta' toroq ta' fazi 1 tal-PPP tinghata lill-kuntrattur Bonnici Bros skond ir-rakkomandazzjoni tal-perit. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Emanuel Agius. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu (76).

## 7. HATRA TA' TENDER ADJUDICATION COMMITTEE

7.1. Dan il-punt gie diskuss ma punt 6 tal-agenda.

## 8. HRUG TA' TENDER VJAL IL-HELSIEN + APPLIKAZZJONI GHALL-FONDI TAL-EU BIEX TITKOMPLA

8.1. Is-Sindku Alfred Grixit spjega li fil-jiem ta' qabel il-Kunsill ircieva bil-miktub il-konferma mid-dipartiment li l-gvern kien se jaghti lill-Kunsill €400,000 ghall-bini mill-gdid ta' Vjal il-Helsien.

8.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex jinhareg tender ghall-bini mill-gdid tal-carriage wayes ta' Vjal il-Helsien bil-fondi moghtija mill-gvern centrali li tinkludi li jsiru hard shoulders bil-konkoss li minnhom jghaddu s-servizzi. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu (77).

8.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni ohra sabiex kontemporanjament il-Kunsill japplika ghal fondi tal-EU ghat-titjib tal-prodott turistiku u li permezz taghhom isiru l-bankini, fanali, u street furniture fi Vjal il-Helsien, kif ukoll Triq Sciortino, ir-roundabout ta' Triq Sciortino, kif ukoll MIsrah San Filep u l-isqaqien tal-madwar, fejn jinbidlu l-fanali, street furniture, pjanti u sunken lights, kif ukoll issir mappa turistika elettronika, heritage trails, guide book b' diversi lingwi u anke bollards elettronici. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Duncan Bartolo. Ittiehed vot.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu (78).

**9. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA URGENTI**

9.1. Il-Kunsillier Philip Said ta' rapport lill-Kunsill dwar l-attivita dwar il-promozzjoni tas-sahha li giet organizzata. Il-Kunsillier Said spjega li kien hemm attendenza sodisfacenti u l-attivita kienet relattivament success.

9.2. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li s-serata ta' Jum Haz-Zebbug kienet organizzata tajjeb u t-tenuri li kantaw kienu tajbin hafna, izda kkummenta li l-palk kien wiehed dizastruz u kien hemm zball fl-ordni tal-bnadar fuq il-palk. Is-Segretarju wiegeb li sfortunatament l-attivita kienet ippjanata li ssir barra originarjament u mhux fis-sala parrokjali filwaqt li kkummenta li z-zmien sabiex tigi organizzata serata simili kien limitat peress li l-Kunsill halla ghal-ahhar sabiex jiddeciedi x' se jaghmel.

**10. AGGORNAMENT**

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Hamis 2 ta' Dicembru fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.40pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv